KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 337**

**l-Erbgħa 12 t' April, 2017**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, fis-sebgħa ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

L-Avukat Karol Aquilina – Sindku
Dr Alessia Psaila Zammit – Viċi Sindku
Is-Sur Julian Borg – Kunsillier
Is-Sin. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier
Is-Sur Domenic Grech – Kunsillier
Is-Sur Clayton Cutajar – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Keith Galea– Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Dr Karol Aquilina ppresjeda l-laqgħa.

**337.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

337.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

**337.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

337.2.1 Inqraw il-minuti tas-Seduta numru 335 u 336. Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-laqgħa numru 335 u tal-laqgħa imsejjħa b'urġenza numru 336, jkunu approvati bħala korretti. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**337.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

337.3.1 Peress li sa dan il-ħin il-Kunsillier Dominic Grech kien għadu ma wasalx is-Sindku ressaq mozzjoni biex dan il-punt tal-aġenda jsir fl-aħħar tal-laqgħa biex jilħaq ikun hemm il-membri kollha preżenti. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda. Il-Kunsilliera preżenti qablu li jsir dan.

**337.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

337.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

**337.5 Skema tal-Awtorita' tad-Djar**

337.5.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill ircieva ittra mill-Awtorita' tad-Djar fejn fiha ntqal li l-Kunsill ser jingħata €25,000 biex ikun jista' jsir xogħol ta' manutenzjoni u tisbiħ tal-komun ta' 5 blokok tal-binijet tal-Gvern fis-Siġġiewi. Il-Kunsill intalab li jagħzel 5 blokok biex jibbenefikaw minn din l-iskema.

Is-Sindku Karol Aquilina ippropona li l-Kunsill filwaqt li jitlob lil perit tal-Kunsill jispezzjona dawn il-binijiet, għandu jistieden lir-residenti kollha li joqgħodu fl-oqsma tad-djar tal-Gvern sabiex issir laqgħa u tkun diskussa din l-iskema. Min ikun interessat li japplika ghal din l-iskema irid jifforma l-assoccjazzjoni tal-komun, il-kunsill ikun umbagħad f'posizzjoni li jagħzel u jinforma lill-Awrtorita'.

Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tissejjaħ it-Tnejn 24 t' April fis-7pm.

**337.6 Mixgħela tas-Salib tal-Għolja.**

337.6.1 Is-Sindku spjega li l-preparamenti għall-mixgħela tas-Salib tal-Għolja jinsabu fl-aqwa tagħhom. Hu qal ukoll li aktar kmieni matul il-jum kellu telefonata mis-Supretendent fejn infurmaħ li wara spezzjoni fuq is-sit tal-salib tal-għolja mill-perit tal-Gvern il-Puluzija qed tordna li l-parti ta' fuq l-

għar bi swit il-kappella tingħalaq għall-pubbliku minħabba l-periklu.

**337.7 Deputat Segretarju Eżekuttiv**

337.7.1 Is-Sindku spjega li t-terminu tad-Deputat Segretarju Ezekuttiv skada u li kien għalhekk qed jerġa jinnomina lis-Sa Ritienne Giorgino biex isservi ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv għat-tlett xhur li jmiss. Il-Vici Sindku ssekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**337.8 Estenzjoni tal-Kuntratt LCS 18/14 *Resurfacing of Roads***

337.8.1 Is-Sindku qal li dan il-kuntratt għalaq it-tieni sena tiegħu u li għaldaqstant qed jiproponi li jkun imġedded għat-tielet u l-aħħar sena hekk kif jistipula l-istess kuntratt. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**337.9 Kors fl-IT għat-tfal għas-sajf: *'Robotica Nation'***

337.9.1 Is-Sindku qal li rcieva talba mit-TCTC biex bħas-snin l-imħoddija il-kunsill lokali jipparteċipa u joffri dan il-kors fl-IT għat-tfal matul is-sajf bl-istess spiża tas-sena l-oħra hekk kif ukoll ippjanata u maqbula fil-budget għall-2017. Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**337.10 Approvazzjoni tal-*interim audit***

Is-Sindku talab lis-Segretarju sabiex jispjega. Is-Segretarju qal li fil-proċess tal-bidla tas-Segretarju Ezekuttiv il-ligi titlob li jsir interim Audit. L-Interim Audit sar u hu għas-sodisfazzjoni tas-Segretrju Eekuttiv filwaqt ċertu rakkomandazzjonijiet li ħarġu minn dan l-ezercizzju diġa ttieħdu u sar xogħol ta' titjieb li għandu jkun rifles fl-audit annwali li qiegħed isir. Is-Segretarju qal ukoll li jinsab fil-proċess li jkun konkluz l-Audit annwali u kif dan ikun lest l-Kunsill irid jiltaqgħa biex jiddiskuti l-management letter u jerga japprova ir-rapport finanzjarju annwali.

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill japprova l-interim audit, il-kunsillier Clayton Cutajar issekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**337.11 *Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

337.11.1 Il-Kunsillier Nicholas Cassar tkellem dwar il-bżonn li jkun hemm mera fi Triq l-Għid u li jsir patching f'ħofra li tinsab fi Triq San Gwann.

Il-Kunsillier Clayton Cutajar qal li qed jikkolabora mal-kunsilliera Gillian Farrugia Pace dwar ħarġa għall-esplora. Hu semma wkoll li qed isiru l-aħħar tħejjijiet dwar il-programm naqsam il-muza.

Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace tkellmet dwar il-bzonn li jsiru l-għotien għat-toqob tal-bollards.

Il-Viċi Sindku Alessia Psaila Zammit qalet li l-Kunsill rebaħ il-*Waste Reduction Award,* għas-sena 2016 għal proġett li sar mat-tfal tal-iskola fi zmien il-milied. Il-Kunsill għandu jirċievi premju ta' €1,000. Il-Kunsill qabel dawn il-flus ikunu wzati għal proġett simili tul il-*waste reduction week* tas-sena 2017

337.12 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

337.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku ppropona li l-pagamenti jkunu approvati mill-Kunsill.

Il-Kunsillier Clayton Cutajar issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**337.13 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

337.13.1 Is-Sindku qal li sa għada l-kunsill se japplika għal proġett 4.3 biex isir titjib f'toroq rurali. Wara proċess ta' konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti it-toroq li l-Kunsill se japplika biex isiru huma: Triq ix-Xaghra tal-Gzira, Triq tal-Fawwara, Triq Wied Costa, Triq tal-Bajjada, Triq ta' Hal Xluq, Triq ix-Xama. Il-proġett sħiħ ifisser investiment ta' €1 miljun b'ko-finanzjament ta' 90% minn fondi Ewropej. Is-Sindku rringrazzja wkoll lil MEUSAC li għenu fit-tfassil ta' din l-applikazzjoni.

337.12.2 Is-Sindku tkellem ukoll dwar l-*ispeed camera* li ġiet installata fi Triq Mons Mikiel Azzoppardi. Hu saħaq li l-LESA ikkoperaw dejjem bis-sħiħ mal-Kunsill Lokali. Is-Sindku spjega li il-Ġimgħa 6 ta' Jannar 2017 saret laqgħa ta' koordinazzjoni bejn il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi (irrapreżentat minnu u s-Segretarju Eżekuttiv), l-Aġenzija LESA u l-kuntrattur li jieħu ħsieb li jinstalla u jopera l-ispeed cameras f'Malta u Għawdex. Waqt din il-laqgħa ġie diskuss u maqbul il-proċess biex tiġi installata l-ispeed camera fis-Siġġiewi.

Is-Sindku saħaq li waqt din il-laqgħa staqsa dwar it-tolleranza ta' 10% li għandhom l-ispeed cameras kollha f'Malta u Għawdex. L-uffiċjali tal-Aġenzija LESA infurmawh li l-Gvern kien iddeċieda li jirtira d-direttiva Ministerjali maħruġa mill-amministrazzjoni preċedenti, li biha kull speed camera f'Malta topera b'tolleranza ta' 10%. Is-Sindku qal li ġie nfurmat ukoll li ma' teżisti l-ebda liġi f'dan is-sens u li din it-tollerenza kienet ser titneħħa mill-ispeed cameras kollha f'Malta u Għawdex. Għalhekk dik tas-Siġġiewi ma kienx ser ikollha tollerenza ta' 10%.

Is-Sindku enfasizza li l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi fl-ebda waqt m'għamel xi talba biex ma jkunx hemm it-tollerenza ta' 10%. Anzi bħala Sindku staqsa dwarha biex din tapplika wkoll fil-każ tas-Siġġiewi u kien f'dan il-punt li ġie nfurmat li dan ma kienx possibbli li jsir għaliex il-Gvern kien iddeċieda li titneħħa mill-ispeed cameras kollha f'Malta.

**337.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

337.14.1 Il-laqgħa intemmet fid-8.30 p.m. u s-Sindku ppropona li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill issir nhar it-Tnejn 8 ta' Mejju 2017 fis-7.00 p.m. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Konfermati, illum 8 ta' Mejju 2017.

L-Avukat Karol Aquilina
Sindku

Keith Galea
Segretarju Eżekuttiv